MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Numru. 375/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Joseph Agius]**

**vs**

**Maria Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Maria Attard detentrici tal-karta tal-identita` numru 0360081(M).

Akkuzata talli:

> Fis-7 ta' Marzu 2013, ghall-habta ta' 20.00hrs fi Triq l-Imdina, Zebbug (Malta), b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kienet qeghda issuq vettura tal-ghamla Maruti 800 ta' kulur ahmar bin-numru ta' registrazzjoni KBG605, involontarjament ikkagunat offizi ta' natura gravi u per durata fuq il-persuna ta' Alessia-Jane Sant mill-Mellieha, skont kif iccertifikat Dr Johsua Chetuci tal-Isptar Mater Dei.

Rat il-fedina tal-imputata li hija netta;

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xhieda migjuba; u

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkonsisti f'incident awtomobilistiku fi Triq l-Imdina, Zebbug nhar is-sebgha (7) ta' Marzu 2013 fejn l-imputata, meta kienet qed issuq bil-karrozza taghha f'din it-triq, tajjret lil parte civile Alessia-Jane Sant li kienet qed taqsam minn dik it-triq.

**XHIEDA**

Semghet li  parte civile **Alessia-Jane Sant** li xehdet illi kienet gejja mal-gharus taghha bil-karrozza tieghu u hu waqqafha f'din it-triq sabiex tigbor il-karrozza taghha fuq in-naha l-ohra tat-triq. Huwa waqqafha fid-direzzjoni ta' Qormi u hi kellha taqsam zewg karreggjati lejn din id-direzzjoni kif ukoll zewg karreggjati ohra fid-direzzjoni l-opposta biex imbaghad taqbez "barrier" baxxa li tehodha ghal go "service road".

Hija spjegat kif qabel ma qasmet harset lejn iz-zewg direzzjonijiet u meta kienet qeghda taqsam il-karreggjati tad-direzzjoni opposta, hija regghet harset u ma rat lil hadd. Hija fil-fatt ittajjret mill-imputata ezatt qabel ma qabzet il-"barrier" li taghti ghal dis-"service road". Infatti iz-zewg settijiet ta' ritratti esebiti mill-istess parte civile kif ukoll mill-imputata juru il-post tal-impatt.

Xehed it-tabib **Dr Joe Etienne Abela** li xehed fuq il-griehi li garrbet il-parte civile. Dawn kienu *haematoma* taht il-gilda fil-qurriegha fuq in-naha tax-xellug, frattura tal-milsa u *haematoma* fuq in-naha t'isfel tad-dahar tas-*sacral* area u ksur tal-ghadam *tibia* u *fibula* tax-xellug.

Xehdet ukoll l-imputata **Maria Attard** illi xehdet li kienet sejra lejn id-direzzjoni taz-Zebbug meta hija giet mghomija mid-dwal tal-karrozzi opposti u sar l-impatt. Hija xehdet ukoll illi fit-triq ma kienet rat lil hadd jaqsam u qatt ma kienet tippretendi li xi hadd jaqsam minn hemm tenut kont li kien hemm dik il-"barrier" fejn huwa difficli li taqbez minnha.

**KOSTATAZZJONIJIET**

Jirrizulta mill-provi prodotti illi ghalkemm il-parte civile kienet xi ftit negligenti li qasmet minn triq li hija arterja principali u li hija pjuttost wiesa', xorta wahda ma jezonerax lill-imputata sabiex tezercita dik id-diligenza li hija rikjesta meta wiehed ikun qed isuq. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-imputata ma kellhiex l-okkazjoni tara lill-parte civile taqsam f'nofs it-triq aktar u aktar meta din it-triq partikulari hija dritta u fejn il-vizibilita` tas-sewwieqa hija tajba hafna. Illi di piu`, hareg car illi l-imputata ma kienitx qed issuq b'xi velocita` ghalhekk kellha

aktar cans sabiex tara x'qed jigri fit-triq[1]. Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni kienet ferm ghaqlija li harget l-akkuza li harget.

Huwa veru, kif ippruvaw jargumentaw id-difiza, illi il-parte civile kellha vizibilita` tajba ukoll, imma xorta jibqa' l-fatt illi l-oneru principali ghandu jkun ta' min isuq. Dan kien ikkonfermat minn diversi sentenzi tul iz-zmien fosthom ***Pulizija v. John Cutajar (27/04/2006; 348/2005, u Pulizija v. Zaffarese Robert (6/11/2002; 177/2002).***

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 328 (b) u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata Maria Attard hatja tal-akkuza kif dedotta kontriha u tikkundannaha multa ta' mitt Ewro (EUR100).

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] ***P. V. Aquilina Francis; 177/2007 deciza 9/08/2007, P. V. Zaffarese Robert; 177/2002 deciza 6/11/2002***